# SPJEGAZZJONI TAD-DRITTIJIET TIEGĦEK

Jekk **MA ĠEJTX MIŻMUM** u se tiġi interrogat bħala persuna suspettata



## 1. Dritt għal konsultazzjoni kunfidenzjali ma' avukat u assistenza legali matul l-interrogazzjoni

A. Meta?

— Għandek dritt għal konsultazzjoni kunfidenzjali ma' avukat qabel l-interrogazzjoni u għal assistenza legali matul l-interrogazzjoni.
— Jekk ir-reati li se tiġi interrogat dwarhom jistgħu iwasslu għal piena ta' ħabs, tapplika l-proċedura stipulata taħt C.

B. Liema avukat?

– Tista' tikkonsulta avukat tal-għażla tiegħek.
– Suġġett għal ċerti kundizzjonijiet legali, tista' tqabbad avukat permezz tas-sistema tal-assistenza legali, li hija totalment, jew parzjalment, bla ħlas. Tista' titlob il-fuljett li jistipula l-kundizzjonijiet għall-assistenza legali. Imbagħad għandek titlob lill-uffiċċju tal-assistenza legali tal-Kamra tal-Avukati sabiex jinħatar avukat.

C. Kif tiżvolġi l-konsultazzjoni mal-avukat?

Jekk ġejt mibgħut taħrika bil-miktub, li telenka d-drittijiet speċifikati taħt il punti 1 sa 4, u li tindika li inti meqjus li tkun ikkonsultajt avukat qabel ma tippreżenta ruħek għall-interrogazzjoni:

— Ma tistax titlob posponiment billi diġà kellek l-opportunità li tikkonsulta avukat.
— Jekk tagħżel li ma tiġix megħjun minn avukat, għandek tiġi infurmat bid-dritt tiegħek li tibqa' sieket qabel ma tibda l-interrogazzjoni (ara wkoll il-punt 3).

Jekk ma ġejtx mibgħut taħrika bil-miktub jew ġejt mibgħut taħrika bil-miktub mhux kompluta:

— Għal darba waħda biss, tista' titlob li l-interrogazzjoni tiġi posposta għal data jew ħin aktar tard sabiex tkun tista' tikkonsulta mal-avukat tiegħek.
— Tista' tagħżel li titkellem mal-avukat fuq it- telefown, u wara dan tkun tista' tibda l- interrogazzjoni.
— Tista' tistenna sakemm l-avukat tiegħek jasal fil-post tal-interrogazzjoni

D. Assistenza legali waqt l-interrogazzjonijiet

L-avukat tiegħek jiżgura:

— li jiġi rrispettat id-dritt tiegħek li tibqa' sieket u d-dritt tiegħek li ma tinkriminax ruħek;
— li tiġi ttrattat sew matul l-interrogazzjoni u li ma tkunx imġiegħel jew taħt pressjoni;
— li tkun infurmat bid-drittijiet tiegħek u li l-interrogazzjoni ssir skont il-liġi.

Jekk l-avukat tiegħek ikollu xi kummenti x'jagħmel dwar kwalunkwe minn dawn il-punti, ikun jista' jiżgura li dawn jiġu rrekordjati immedjatament fir-rapport tal-interrogazzjoni tal-pulizija. L-avukat tiegħek jista' jitlob li ssir inkjesta speċifika jew li persuna speċifika tiġi interrogata. Jista' jistaqsi għal kjarifika dwar il-mistoqsijiet li jkunu qed isiru. Jista' jgħaddi kummenti dwar l-investigazzjoni u dwar l-interrogazzjoni. Mhuwiex permess li jwieġeb minflokok jew li jostakola l-interrogazzjoni.

E. Nista' nirrinunzja għal dan id-dritt?

M'għandek l-ebda obbligu li titlob konsultazzjoni ma’ jew assistenza minn avukat.

Wara li tkun ikkunsidrajt sew l-interessi tiegħek tista' tirrinunzja volontarjament għal dan id-dritt jekk:

- Tkun ta’ età statutorja;
- Wara li tkun iffirmajt u niżżilt id-data fuq dokument għal dan id-dritt.

## 2. Notifika fil-qosor tar-reati

- Għandek id-dritt li tiġi infurmat fil-qosor dwar ir-reati li se tiġi interrogat dwarhom.

## 3. Dritt li tibqa’ sieket

- Qatt ma ser tkun obbligat li tinkrimina lilek innifsek.
- Wara li tkun stqarrejt l-identità tiegħek, tista' tagħżel li tagħmel stqarrija, twieġeb il-mistoqsijiet li jistaqsuk, jew li tibqa’ sieket

## 4. Drittijiet oħra waqt l-interrogazzjoni

L-interrogazzjoni nnifisha tibda b'għadd ta’ tagħrif. Minbarra li jiġi rrepetut it-tagħrif fil-qosor dwar ir-reati u d-dritt tiegħek li tibqa’ sieket, tiġi infurmat li:

- Tista' titlob li jinżamm rekord tal-mistoqsijiet kollha li jistaqsuk u tat-tweġibiet tiegħek hekk kif ikunu ntqalu;
- Tista' titlob li titwettaq inkjesta speċifika jew li persuna speċifika tiġi interrogata;
- L-istqarrijiet tiegħek jistgħu jintużaw bħala evidenza f’qorti tal-liġi.
- Matul l-interrogazzjoni, tista' tuża kull dokument fil-pussess tiegħek, sakemm dan ma jwassalx li l-interrogazzjoni tiddewwem minħabba dan.

## 5. Fit-tmiem tal-interrogazzjoni

Fit-tmiem tal-interrogazzjoni, tingħata r-rekord bil-miktub tal-interrogazzjoni sabiex taqrah. Tista' wkoll titlob li jaqrawhulek.

Għandhom jistaqsuk jekk tixtieqx tibdel jew iżżid xi ħaġa mal-istqarrija tiegħek.

## 6. Assistenza ta’ interpretu u dritt għal traduzzjoni

- Jekk ma tifhimx jew ma titkellimx bil-lingwa, jew jekk għandek impedimenti tas-smigħ jew tat-taħdit, jissejjaħ interpretu ġuramentat biex jgħinek waqt l-interrogazzjoni. Din l-assistenza hija bla ħlas.
- Tista’ tintalab biex tikteb l-istqarrija tiegħek fil-lingwa tiegħek stess.
- Jekk ma tistax tifhem il-lingwa tal-proċeduri, int intitolat(a) għal traduzzjoni ta’ partijiet rilevanti tal-mandat ta’ arrest, it-taħrika u d-deċiżjoni tal-qorti f’lingwa li tista’ tifhem. Din l-assistenza hija bla ħlas.

**Tista’ żżomm din l-ispjegazzjoni tad-drittijiet tiegħek.**